MALTA

ATT Nru. XXXV ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jagħmel provediment dwar *Offshore Trusts* u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li huma anċillari jew inċidentali għalihom

ACT No. XXXV of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision with respect to Offshore Trusts and to provide for matters ancillary or incidental thereto.

ATT TA' L-1988 DWAR L-OFFSHORE TRUSTS

Arranġamenti ta' Sezzjonijiet

PRELIMINARI

SEZZJONI

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ
2. Tifsir

OFFSHORE TRUSTS

3. Tifsir ta' *trust*
4. Ksur ta' *trust*
5. Liġi proprja ta' *trust*
6. *Offshore trusts* u l-għarfien tagħhom
7. Formalitajiet għal *offshore trusts*
8. Isem ta' *trust*
9. Benefiċjarji
10. Proprjetà addizzjonali ta' *trust*
11. Invalidità ta' *trust*
12. Żmien ta' *trusts*
13. Modifika jew estinzjoni ta' *trust*
14. Varjazzjoni ta' kundizzjonijiet ta'*trust*
15. Revoka ta' *trust*
16. Nuqqas jew tmiem ta' interess
17. Terminazzjoni ta' *trust*

TRUSTEES

18. Ħatra ta' *trustees*
19. Aċċettazzjoni ta' *trust*
20. Riżenja u tneħħija ta' *trustees*
21. Dmirijiet ta' *trustees*
22. *Co-trustees*
23. Imparzjalità tat-*trustees*
24. Setgħat tat-*trustees*
25. Delega mit-*trustees*
26. Akkumulazzjoni, avvanz jew approprijazzjoni ta' proprjetà ta' *trust*
27. Attribuzzjoni jew ċessjoni ta' proprjetà ta' *trust*
28. Remunerazzjoni u spejjeż ta' *trustees*
29. Konfidenzjalità dwar it-*trusts*
30. Responsabbilità għal ksur ta' *trust*
31. *Trustees* li jaġixxu dwar aktar minn trust waħda
32. Trattament ma' terzi
33. *Trustees* kostruttivi
34. Indenniz ta' *trustees* li jirtiraw

DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI DWAR TRUSTS

35. Interess ta' klassi
36. Varjazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' *trust* mill-Qorti u approvazzjoni ta' transazzjonijiet partikolari
37. Setgħat oħra tal-Qorti
38. Setgħat tal-Qorti għall-eżekuzzjoni ta' l-ordnijiet tagħha u tad-dokumenti ordnati minnha
39. Ħlas ta' l-ispejjeż
40. Protezzjoni ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu mat-*trustees*
41. Limitazzjoni ta' azzjoni
42. Dmirijiet dwar ċerti attivitajiet illegali

REĠISTRAZZJONI TA' TRUSTS

43. Reġistrazzjoni ta' *trusts* u attestazzjoni ta' *trustees*

EŻENZJONIJIET FISKALI U OĦRAJN

44. Eżenzjoni mit-tassazzjoni
45. Eżenzjoni mill-kontroll fuq il-kambju
46. Dikjarazzjoni minflok prospett ta' taxxa

KUMPANNIJI NOMINEE

47. Kumpanniji *nominee* u kundizzjonijiet għall-formazzjoni tagħhom
48. *Trusts* jiġu reġistrati permezz tal-kumpannija *nominee*

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

49. Setgħa biex isiru regolamenti jew regoli
50. Garanzija ta' eżenzjonijiet
51. Proċedimenti kriminali
52. Applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' l-Att

SKEDA

Dikjarazzjoni minflok prospett ta' taxxa dwar *offshore trust*

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

2 ta' Diċembru, 1988

ATT Nru. XXXV ta' l-1988

ATT biex jagħmel provvediment dwar Offshore Trusts *u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li huma anċillari jew inċidentali għalihom.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 dwar l-*Offshore Trusts*. Titolu fil-qosor u bidu fi-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:— Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar il-Kummerċ Internazzjonali ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att;

"benefiċjarju" tfisser persuna intitolata li tibbenefika taħt *trust* jew li favur tagħha tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex titqassam proprjetà miżmuma fi *trust;*

"korp ta' persuni" tfisser kull kumpannija, għaqda, soċjetà jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew jekk ikollha personalità ġuridika sew jekk le;

"ksur ta' *trust*" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 4 ta' dan l-Att;

"kumpannija" tfisser soċjetà anonima iffurmata u reġistrata kif imiss taħt xi liġi li tkun isseħħ dak iż-żmien f'Malta, u tinkludi korp magħqud simili inkorporat jew reġistrat barra minn Malta;

"il-Qorti" tfisser is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

"proprjetà immobbli sitwata f'Malta" tinkludi azzjonijiet, *stock* jew obbligazzjonijiet fi jew ta' kumpannija li l-attiv tagħha jinkludi proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew fi, jew ta' kumpannija reġistrata f'Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-attivitajiet kummerċjali internazzjonali;

"kumpannija *nominee*" tfisser kumpannija awtorizzata li taqdi l-funzjonijiet ta' kumpannija *nominee* kif hemm provdut bl-artikolu 47 ta' dan l-Att;

"*offshore trust*" għandha t-tifsira mogħtija lilha bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' dan l-Att;

"proprjetà" tfisser proprjetà ta' kull xorta jew deskrizzjoni, sew jekk mobbli jew immobbli, personali jew reali, u kulfejn tinsab, u f'relazzjoni għal jeddijiet jew interessi kemm jekk vestiti, kontinġenti, annullabili jew futuri;

"persuna kwalifikata" għar-rigward ta' *settlor* jew benefiċjarju ta' *trust* tfisser persuna mhux residenti f'Malta, u riferenzi għal persuna kwalifikata biex tkun *settlor* jew benefiċjarju għandhom jiftiehmu f'dak is-sens;

"reġistru" tinkludi kull xorta ta' *record*;

"residenti f'Malta" għandha l-istess tifsira li għandha taht l-Att;

"*settlor*" tfisser il-persuna li tagħmel *trust* u tinkludi persuna li tipprovdi proprjetà ta' *trust* jew tagħmel dispożizzjoni fuq *trust* jew lil *trust;*

"*trust*"għandha t-tifsira deskritta fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, u tinkludi l-proprjetà ta' *trust,* il-jeddijiet, is-setgħat, id-dmirijiet, l-interessi, ir-relazzjonijiet u l-obbligi taht *trust;*

"*trustee*" għar-rigward ta' *offshore trust,* tfisser il-persuna jew il-persuni maħturin sabiex jaġixxu bħala *trustee* jew *trustees* ta' *trust* skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

"dokument ta' *trust*" tfisser id-dokument li bih tinholoq it-*trust* u tinkludi kull dokument li jbiddel it-termini ta' *trust* kif ukoll dikjarazzjoni unilaterali ta' *trust;*

"proprjetà ta' *trust*" tfisser il-proprjetà li tkun għal dak iż-żmien miżmuma fuq *trust;*

"dikjarazzjoni unilaterali ta' *trust*" għandha t-tifsira mogħtija lilha bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att.

(2) Kull riferenza f'dan l-Att għal xi liġi, jew dispożizzjoni tagħha, għandha tiftiehem bħala riferenza għal dik il-liġi jew dispożizzjoni li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien, u għandha tinkludi riferenza għal kull liġi li tissostitwixxi dik il-liġi jew dispożizzjoni, u għal kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtha.

(3) Kliem u espressjonijiet użati f'dan l-Att b'riferenza għal xi liġi oħra għandhom, safejn ikun meħtieġ, jagħtu effett lil dan l-Att, u konsistentement mad-dispożizzjonijiet tiegħu, ikollhom l-istess tifsir bħalma għandhom fil-liġi li b'referenza għaliha huma wżati f'dan l-Att.

(4) Kull riferenza f'dan l-Att għal reat kriminali kommess barra minn Malta, jew kontra l-liġi ta' pajjiż li ma jkunx Malta, jew għal att li jekk ikun magħmul f'Malta ikun reat kriminali kontra l-liġi ta' Malta, għandha tiftiehem bħala limitata għal reati li jkunu reati ta' estradizzjoni għall-finijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1978 dwar l-Estradizzjoni. Att XVIII ta' l-1978.

(5) F'dan l-Att u f'kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, it-test Ingliż għandu jipprevali.

Offshore Trusts

3. (1) *Trust* teżisti meta persuna (imsejħa *trustee*) iżżomm jew ikollha vestita fiha proprjetà taħt l-obbligu li tinnegozja dik il-proprjetà għall- benefiċċju ta' persuni (imsejjħa l-benefiċċjarji), kemm jekk ikunu jew ma jkunx għadhom aċċertati jew jeżistu, jew għal għan li ma jkunux għall-benefiċċju tat-*trustee*, jew kemm għal dak il-benefiċċju u dak il-għan imsemmija hawn fuq. Tifsir ta' *trust*:

(2) Il-proprjetà ta' *trust* għandha tinżamm mit-*trustee* bħala fond separat, distint u separat minn dak tat-*trustee*.

(3) Il-proprjetà ta' *trust* tinżamm minn jew f'isem jew taħt il-kontroll tat-*trustee* li għandu jkollu setgħa sħiħa kif ukoll id-dmir, li għalih ikun responsabbli, li jamministra, jutiliżża jew jiddisponi mill-proprjetà ta' *trust* skond il-kundizzjonijiet tat-*trust* u kull dmir speċjali mpost fuq it-*trustee* b'xi liġi li tapplika għalih, li jħarrek u jiġi mħarrek dwar it-*trust* u li xort'oħra jaġixxi fil-materji kollha li jikkonċernaw it-*trust*.

4. Kull ksur ta' dmir impost fuq *trustee* b'dan l-Att jew bil-kundizzjonijiet tat-*trust* jew bil-liġi proprja tat-*trust*, u kull att jew negliġenza min-naħa tat-*trustee* li ma jkunux awtoriżżati jew skużati b'dan l-Att, jew bil-liġi proprja tat-*trust* jew bil-kundizzjonijiet tat-*trust*, ikunu jfissru u jfissru b'dan l-Att ksur ta' *trust*. Ksur ta' *trust*.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, *trust* għandu jkun iggvernat mil-liġi proprja tiegħu u għandu jkun hekk interpretat u eżekutibbli. Liġi proprja ta' *trust*.

(2) Il-liġi proprja ta' *trust* tiġi l-ewwel stabbilita bl-intenzjoni tas-*settlor*, sew jekk dik l-intenzjoni tirriżulta espressament mid-dokument tat-trust sew jekk tinġibed minnu. Jekk dik l-intenzjoni ma tirriżultax ċar biżżejjed, il-liġi proprja tat-*trust* għandha tkun il-liġi ta' Malta.

6. (1) *Trust* li tkun *offshore trust* validament maħluqa skond jew kif provdut b'dan l-Att, kemm f'Malta jew barra minn Malta, għandha, jekk tkun reġistrata taħt dan l-Att, tkun rikonoxxuta u tkun eżekutibbli mill-qrati ta' Malta; u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, *trust* reġistrata u l-kundizzjonijiet tagħha jkunu hekk rikonoxxuti u eżekutibbli minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra. *Offshore trusts* u l-għarfien tagħhom.

(2) *Trust* tkun *offshore trust* jekk —

(a) is-*settlor* ikun persuna kwalifikata, fiż-żmien tal-ħolqien tat-*trust;*

(b) il-proprjetà tat-*trust* ma tkunx tinkludi xi proprjetà immobbli sitwata f'Malta;

(ċ) il-benefiċjarji kollha taħt it-*trust* ikunu persuni kwalifikati fiż-żmien tal-ħolqien tat-*trust* u fiż-żmien li fih xi wieħed jew aktar minnhom xort'oħra jsiru intitolati li jkunu benefiċjarji:

Iżda jekk fiż-żmien tal-ħolqien tat-*trust* ebda wieħed mill-benefiċjarji ma jkun residenti f'Malta u wieħed biss jew uħud minnhom ikunu residenti f'Malta fiż-żmien li huma xort'oħra jsiru għall-ewwel intitolati li jkunu benefiċjarji, it-*trust* tkompli tkun *offshore trust*, bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att.

Iżda wkoll, *trust* għandha tkun u tibqa' *offshore trust* minkejja li persuna jew persuni residenti f'Malta jistgħu jibbenefikaw taħtha fiimkien ma' persuni oħra bħala membri ta' klassi li huma benefiċjarji ta' *trust* ta' karità;

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, meta *trust* tinħoloq b'testment, il-waqt li fih tinħoloq it-*trust* ikun il-waqt li fih isir it-testment.

(4) *Trusts* li jinħolqu kif provdut b'dan l-Att għandhom ikunu wkoll rikonoxxuti u esegwiti bħala tali mill-qrati ta' Malta.

Formalitajiet għal *offshore trusts.*

7. (1) *Offshore trust* ma tkunx valida kemm-il darba ma tinħoloqx b'testment jew dokument ieħor bil-miktub:

Iżda dikjarazzjoni unilaterali ta' *trust* ikollha l-istess effett bħal dokument bil-miktub.

(2) Dikjarazzjoni unilaterali ta' *trust* hija dikjarazzjoni bil-miktub magħmula minn kumpannija *nominee* li tgħid li l-kumpannija tkun it-*trustee* ta' *offshore trust*, tagħti isem it-*trust* u li jkun fiha l-kundizzjonijiet kollha tat-*trust* kif ukoll l-ismijiet jew l-informazzjoni li biha jkunu jistgħu jiġu identifikati l-benefiċjarji kollha.

(3) Dikjarazzjoni unilaterali ta' *trust* ma għandhiex għalfejn ikollha l-isem tas-*settlor*, imma f'każ bħal dak id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha stqarrija mill-kumpannija *nominee* li s-*settlor* ikun persuna kwalifikata fid-data tad-dikjarazzjoni.

Isem ta' *trust.*

8. Id-dokument ta' *trust* ta' *offshore trust* għandu jinkludi l-isem li bih it-*trust* għandha tkun magħrufa u reġistrata; u dak l-isem għandu, kemm-il darba l-Qorti eċċezzjonalment u għal raġuni xierqa ma tawtorizzax bidla, jibqa' bla mibdul sat-terminazzjoni tat-*trust*.

Benefiċjarji.

9. (1) Persuna ma tkunx intitolata li tagħmel talba taħt *offshore trust* jekk —

(a) ma tkunx identifikabbli bl-isem, jew

(b) ma tkunx aċċertabbli b'riferenza għal klassi jew għal relazzjoni ma' xi persuna, sew jekk tkun ħajja jew ma tkunx fiż-żmien li, taħt il-kondizzjonijiet tat-*trust*, ikun iż-żmien li b'riferenza għalih membri ta' klassi għandhom jiġu stabbiliti;

u jekk ma jkun hemm ebda benefiċjarji identifikabbli jew aċċertabbli kif imsemmi hawn fuq it-*trust*, kemm-il darba l-għan tat-*trust* ma jkunx għan ta' karità, tkun nulla.

(2) *Settlor* ta' *trust* jista' jkun ukoll benefiċjarju taħt it-*trust*.

(3) Il-kundizzjonijiet tat-*trust* jistgħu jipprovdu għaż-żieda ta' persuna bħala benefiċjarju, l-esklużjoni ta' benefiċjarju mill-benefiċċju, jew l-impożizzjoni fuq benefiċjarju ta' obbligu bħala kundizzjoni għall-benefiċċju.

(4) Benefiċjarju jista' jirrinunzja l-interess kollu tiegħu; u dik ir-rinunzja tkun irrevokabbli.

(5) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, benefiċjarju jista' jirrinunzja parti mill-interess tiegħu, kemm jekk ikun irċieva jew le xi benefiċċju mill-interess tiegħu; f'kull każ bħal dak, iżda bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust* rinunzja tista', bid-dokument li bih l-interess jiġi rinunzjat, issir revokabbli, u mbagħad tkun tista' tiġi revokata b'dak il-mod u taħt dawk iċ-ċirkostanzi msemmija jew riferiti fih.

(6) L-interess ta' benefiċjarju taħt *trust* għandu jikkostitwixxi proprjetà mobbli, wkoll jekk il-proprjetà tat-*trust* tinkludi proprjetà immobbli.

(7) Bla ħsara għall-kundizzjoniojiet tat-*trust*, benefiċjarju jista', b'dokument bil-miktub, ibiegħ, jaddebita, jitrasferixxi jew xort'oħra jinnegozja l-interess tiegħu b'xi mod li jkun.

Proprjetà addizzjonali ta' *trust*.

10. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, it-*trustee* ta' *offshore trust* jista' jaċċetta minghand kull persuna kwalifikata bħala *settlor* xi proprjetà biex tiżdied mal-proprjetà tat-*trust*, li ma tkunx proprjetà immobbli sitwata f'Malta.

Invalidità ta' *trust*.

11. (1) *Offshore trust* ma tkunx valida u eżekutibbli f'Malta —

(a) jekk titlob, tindika jew tinkoraġixxi l-għemil ta' xi att li huwa reat kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew li jkun reat tali jekk isir f'Malta;

(b) jekk ikollha *income* li jakkumula lilha jew li tikseb, li jkun joriġina minn operazzjoni, transazzjoni jew attività oħra li tkun reat kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew li, jekk issir f'Malta, tkun offiża tali, jew tinkludi proprjetà li tkun irċeviet, saret sid tagħha jew li l-kontroll fuqha jkun jew kien ikun reat kif imsemmi hawn fuq.

(2) *Trust* ma tkunx ukoll valida u eżekutibbli jekk il-Qorti tiddikjara li l-għan li għalih tkun inħolqot ikun falla jew li l-kundizzjonijiet tat-*trust* ikunu tali li l-eżekuzzjoni tagħha ma tkunx possibbli.

(3) Meta *trust* tinħoloq għal żewġ għanijiet jew aktar, li xi għan jew aktar jirrenduha invalida u oħrajn le —

(a) jekk l-għanijiet ma jkunux jistgħu jiġu separati sewwa, it-*trust* tkun invalida;

(b) jekk l-għanijiet jistgħu jiġu separati sewwa, it-*trust* tkun valida għar-rigward ta' l-għan jew għanijiet li fil-fatt jaffettwaw il-validità tagħha jekk il-Qorti hekk tistabbilixxi u safejn u taħt il-kundizzjonijiet indikati mill-Qorti.

(4) Meta t-*trustee* ta' *offshore trust* jkun tal-fehma li t-*trust* tkun jew tista' tkun għal kollox jew f'parti invalida huwa għandu jitlob id-direttivi tal-Qorti dwar il-validità jew le tat-*trust* u dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-proprjetà suġġetta għal dik it-*trust* u l-obbligi tiegħu dwarha.

(5) Direttivi kif provduti fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jistgħu jintalbu wkoll mis-*settlor,* jew minn xi wieħed mill-benefiċjarji.

Żmien ta' *trusts.*

12. (1) *Trust* tista' tkompli sal-mitt anniversarju mid-data li fiha tkun bdiet teżisti u, kemm-il darba ma tiġix terminata qabel, għandha mbagħad tiġi terminata.

(2) Is-subartrikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikax għal *trust* għal għan ta' karità.

Modifika jew estinzjoni ta' *trust.*

13. Jekk ikun hemm benefiċjarju wieħed biss, jew jekk ikun hemm ftehim unanimu fost il-benefiċjarji kollha tat-*trust,* offshore trust tista' tiġi sospiża, modifikata jew estinta mill-imsemmija benefiċjarju jew benefiċjarji mingħajr riferenza għax-xewqat tas-*settlor* jew tat-*trustee,* u f'kull każ bħal dan it-*trustee* għandu hekk jaġixxi:

Iżda ebda sospensjoni, modifika jew estinzjoni bħal dik ma għandha jkollha effett —

(a) jekk is-*settlor* ikun għadu ħaj, mingħajr il-kunsens espress tiegħu bil-miktub;

(b) meta t-*trust* tinħoloq b'dikjarazzjoni unilaterali ta' *trust,* mingħajr il-kunsens espress bil-miktub tat-*trustee*.

Varjazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' *trust.*

14. Meta l-kundizzjonijiet ta' *trust* jipprovdu għall-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tagħha dik is-setgħa ta' varjazzjoni għandha tkun bla ħsara għas-setgħa mogħtija b'dan l-Att lill-Qorti għall-varjazzjonijiet tal-kundizzjonijiet ta' *trust*.

Revoka ta' *trust.*

15. (1) Meta *trust* jew setgħa eżerċitabbli taħt *trust* tkun, bil-kundizzjonijiet tagħha, espressa li tkun —

(a) revokabbli sew għal kollox jew f'parti; jew

(b) tista' tiġi varjata,

ebda revoka jew varjazzjoni bħal dik ma għandha tippreġudika xi ħaġa magħmula skond il-liġi minn *trustee* dwar *trust* qabel ma jirċievi avviż dwar dik ir-revoka jew varjazzjoni.

(2) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, jekk *trust* tiġi revokata, it-*trustee* għandu jżomm il-proprjetà tat-*trust* f'kustodja għas-*settlor* mod assolut.

(3) Meta *trust* tiġi revokata f'parti is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandu japplika għall-proprjetà affetwata mir-revoka.

Nuqqas jew tmiem ta' nteress.

16. (1) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet ta' *trust* u għal xi ordni tal-Qorti, meta —

(a) interess taħt *trust* jintemm; jew

(b) *trust* tiġi terminata; jew

(ċ) ma jkun ebda benefiċjarju u ebda persuna li tkun tista' ssir benefiċjarju skond il-kundizzjonijiet tat-*trust*,

l-interessi ta' proprjetà affetwati minn dak it-tmiem, terminazzjoni jew mankanza ta' benefiċjarju għandhom jinżammu mit-*trustee* f'kustodja għas-*settlor* b'mod assolut jew, jekk ikun mejjet, għall-eredi tiegħu.

(2) Meta interess jew proprjetà tinżamm minn *trustee* għal għan ta' karità li ma jkunx baqa' jeżisti jew li ma jkunx aktar applikabbli, dak l-interess jew proprjetà għandhom jinżammu għal dak il-għan ta' karità li l-Qorti tista' tiddikjara li jkun konsistenti ma' l-intenzjoni oriġinali tas-*settlor*, jew kif il-Qorti tista' xort'oħra tiddeċiedi.

(3) F'dan l-artikolu "*settlor*" tfisser il-persuna partikolari li jkun ipprovda l-interess jew proprjetà affettwati kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Rikors lill-Qorti taħt dan l-artikolu jista' jsir minn kull persuna minn dawk imsemmija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 37 ta' dan l-Att.

Terminazzjon ta' *trust*.

17. (1) Mat-terminazzjoni ta' *trust* il-proprjetà tat-*trust* għandha titqassam mit-*trustee* fi żmien raġonevoli skond il-kundizzjonijiet tat-*trust* lill-persuni intitolati għaliha.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-*trustee* jista' jżomm attiv biżżejjed biex jagħmel provdiment xieraq għal djun.

(3) Il-Qorti tista', mat-terminazzjoni ta' *trust*, jew f'xi żmien ieħor —

(a) titlob lit-*trustee* biex iqassam proprjetà ta' *trust*;

(b) jagħti direttiva lit-*trustee* biex ma jqassamx il-proprjetà ta' *trust*; jew

(ċ) tordna mod ieħor skond kif ikun jidhrilha xieraq.

(4) F'dan l-artikolu "djun" tinkludi djun kontinġenti.

(5) Rikors lill-Qorti taħt dan l-artikolu jista' jsir minn kull persuna minn dawk imsemmija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 37 ta' dan l-Att.

Trustees

Ħatra ta' *trustees*.

18. (1) It-*trustees* jiġu maħtura mid-, jew kif provdut fid-, dokument tat-*trust* u f'dak in-numru li jista' jkun hekk provdut.

(2) Hija biss kumpannija *nominee* awtorizzata biex taġixxi bħala *trustee* taħt l-artikolu 47 ta' dan l-Att illi tista' tkun l-uniku *trustee* ta' *trust* taħt dan l-Att; u meta t-*trustees* ikunu iktar minn wieħed, wieħed minn dawk it-*trustees* għandu jkun kumpannija *nominee* kif imsemmi qabel.

(3) Meta ma jkun hemm ebda *trustee* jew ikun hemm vakanza post it-*trustees* li ma tkunx tista' timtela' mod ieħor, l-aħħar *trustee* ta' qabel jew xi *trustee*, jew xi benefiċjarju jew l-Avukat Ġenerali jistgħu jitolbu lill-Qorti għall-ħatra ta' *trustee* ġdid.

(4) Il-Qorti —

(a) wara li tkun sodisfatta li rikors magħmul minn benefiċjarju jkun ġie notifikat lill-aħħar *trustee* ta' qabel jew mill-anqas lil wieħed mit-*trustees* l-oħrajn, jekk ikun hemm; u

(b) wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-imsemmi *trustee*, jew *trustees*, jew minn xi benefiċjarju; u

(ċ) wara li tkun aċċertat li t-*trustee* indikat għal dak il-għan fir-rikors jew xort'oħra intenzjonat biex jinħatar bħala t-*trustee* ġdid ikollu r-rieda li jaġixxi,

tista' tordna l-ħatra ta' *trustee* ġdid.

(5) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, *trustee* maħtur bħala *trustee* ġdid taħt dan l-artikolu għandu jkollu l-istess setgħat, diskrezzjonijiet u dmirijiet daqslikieku huwa kien oriġinarjament ġie maħtur bħala *trustee*.

(6) Mal-ħatra ta' *trustee* ġdid kull ħaġa meħtieġa biex il-proprjetà tat-*trust* tiġi vestità fi, jew taħt il-kontroll tat-*trustee* għal dak iż-żmien għandha, u tista' tkun meħtieġa mit-*trustee* jew xi benefiċjarju li, ssir.

Aċċetazzjoni ta' *trust*.

19. (1) Ħadd ma jkun obbligat li jaċċetta l-ħatra bħala *trustee*, iżda jekk kumpannija *nominee* maħtura bħala *trustee* tagħmel xi att jew ħaġa f'relazzjoni mal-proprjetà tat-*trust* konsistenti ma' li *status* ta' *trustee* ta' dik il-proprjetà din titqies li tkun aċċettat il-ħatra bħala *trustee*.

(2) Kumpannija *nominee* li ma tkunx aċċettat u ma tkunx meqjusa li tkun aċċettat il-ħatra bħala *trustee* tista' tirrinunzja dik il-ħatra f'perijodu raġonevoli ta' żmien wara li ssir taf biha permezz ta' avviż bil-miktub lis-*settlor* jew lit-*trustees* l-oħra.

(3) Jekk is-*settlor* ikun mejjet jew ma jkunx jista' jinsab u ma jkun hemm ebda *trustees* oħra, it-*trustee* li għalih japplika s-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jista' jitlob lill-Qorti għall-ħelsien mill-ħatra u l-Qorti tista' tordna kif ikun jidhrilha xieraq.

Riżenja u tneħħija ta' *trustees*.

20. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu *trustee* jista' jirriżenja mill-kariga b'avviż bil-miktub ikkonsenjat lill-Awtorità u lis-*settlor* jew, fl-assenza tas-*settlor*, lil għall-inqas benefiċjarju wieħed; u r-riżenja jkollha seħħ mal-konsenja ta' l-avviż hawn fuq imsemmija.

(2) Riżenja —

(a) mogħtija biex tiffaċilità ksur ta' *trust;* jew

(b) li tkun tirriżulta f'li ma jkun hemm ebda *trustee,* ma jkollha ebda effett:

Iżda *trustee* jista' jirriżenja mill-kariga minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, jekk, qabel ma tibda sseħħ ir-riżenja, isir rikors lill-Qorti għall-ħatra ta' *trustee* ġdid u *trustee* ġdid ikun hekk ġie maħtur.

(3) *Trustee* ma jibqax ikun *trustee* minnufih —

(a) mat-tneħħija tat-*trustee* mill-Qorti; jew

(b) mal-bidu fis-seħħ ta' dispożizzjoni fil-kundizzjonijiet ta' *trust* li taħtha t-*trustee* jitneħħa mill-kariga jew mod ieħor ma jibqax iżomm il-kariga; jew

(ċ) mat-teħid ta' passi għall-istralċ ta' kumpannija *nominee* li taġixxi bħala *trustee.*

(4) *Trustee* li ma jibqax ikun *trustee* għandu jagħmel ħiltu biex isiru id-dokumenti kollha meħtieġa biex il-proprjetà tat-*trust* tiġi vestita fi jew taħt il-kontrol tat-*trustee* l-ġdid u l-eżekuzzjoni ta' dak l-obbligu tal-persuna li ma tibqax iżjed *trustee* tkun tista' tiġi nfurzata mill-Qorti.

Dmirijiet ta' *trustees.*

21. (1) It-*trustees* għandhom fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom u fl-eżerċizzju tas-setgħat u diskrezzjonijiet tagħhom jaġixxu bil-prudenza, bżulija u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* u josservaw il-*bona fede* bl-iktar mod.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, it-*trustees* għandhom jesegwixxu u jamministraw it-*trust* skond il-kundizzjonijiet tagħha; u, bla ħsara kif imsemmi hawn fuq, it-*trustees* għandhom —

(a) jassiguraw illi l-proprjetà tat-*trust* tkun vestita fihom jew li tkun taħt il-kontroll tagħhom;

(b) safejn ikun raġonevoli jippreservaw u jawmentaw il-valur tal-proprjetà tat-*trust.*

(3) Ħlief kif permess b'dan l-Att jew kif espressament provdut bil-kundizzjonijiet tat-*trust, trustee* ma għandux, mingħajr l-awtorità tal-Qorti —

(a) direttament jew indirettament jipprofitta mit-*trusteeship;* jew

(b) jikkaġuna jew iħalli lil xi persuna oħra tipprofitta direttament jew indirettament mit-*trusteeship;* jew

(ċ) f'ismu jidħol f'xi transazzjoni li jkollha x'taqsam mal-proprjetà tat-*trust* li tista' tirriżulta f'dak il-profitt.

(4) It-*trustees* għandhom iżommu konteġġi u dokumentazzjoni eżatti tat-*trusteeship* tagħhom u jagħtu reżokont ta' dak it-*trusteeship:*—

(a) skond kif jitolbu l-kundizzjonijiet tat-*trust;*

(b) fuq ordni tal-Qorti mogħti fuq rikors tas-*settlor* jew xi benefiċjarju.

(5) It-*trustees* għandhom iżommu l-proprjetà tat-*trust* distinta u separata mill-proprjetà tagħhom infushom kif ukoll minn kull proprjetà oħra miżmuma minnhom taħt xi *trust* jew titolu ieħor, u separatament identifikabbli minnhom.

Co-trustees.

22. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust* u ħlief kif xort'oħra hemm provdut fihom, meta t-*trustees* ikunu aktar minn wieħed huma —

(a) għandhom jaġixxu flimkien fil-qadi tad-dmirijiet u fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, għajr jekk f'każi urġenti ma jkunx possibbli għal xi wieħed jew aktar minnhom li hekk jaġixxu;

(b) ma għandhomx jeżerċitaw xi setgħa jew diskrezzjoni kemm-il darba ma jkunx hemm qbil bejn it-*trustees* kollha;

u meta l-kundizzjonijiet tat-*trust* jagħtu s-setgħa lit-*trustees* li jaġixxu b'maġġoranza, *trustee* li ma jkunx jaqbel ma' deċiżjoni tal-maġġoranza, għandu jara li l-oġġezzjoni tiegħu tiġi reġistrata bil-miktub:

Iżda minkejja xi provediment li jista' jkun hemm fit-termini tat-*trust*, ebda att tat-*trustees*, u ebda deċiżjoni, poter jew diskussjoni, magħmulin, meħudin jew eżerċitati minnhom ma għandhom ikunu validi jew ikollhom effett ħlief jekk dawn isiru, jittieħdu jew jiġu eżerċitati flimkien ma', jew bi qbil ta' kumpannija *nominee* li taġixxi bħala waħda mit-*trustees* tat-*trust*.

Imparzjalità tat-*trustees.*

23. Meta t-*trust* tipprovdi għal aktar minn benefiċjarju wieħed, jew għal aktar minn għan wieħed ta' karità jew għal mill-inqas benefiċjarju wieħed u għal mill-inqas għan wieħed ta' karità, it-*trustees* għandhom ikunu imparzjali u ma għandhomx jesegwixxu t-*trust* għall-vantaġġ ta' wieħed u għad-detriment jew a spejjeż ta' ieħor ħlief safejn huma jkunu ħekk awtorizzati jew meħtieġ bil-kundizzjonijiet tat-*trust*.

Setgħat tat-*trustees.*

24. (1) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust* u għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, *trustee* għandu, għar-rigward ta' proprjetà ta' *trust*, ikollu s-setgħat kollha ta' persuna naturali li jkollha d-dritt assolut għal dik il-proprjetà.

(2) *Trustee* għandu jeżerċita s-setgħat tiegħu fl-interess tal-benefiċjarji u skond il-kundizzjonijiet tat-*trust*.

(3) Meta l-kundizzjonijiet ta' *trust* jirrikjedu li t-*trustee* jikseb il-kunsens ta' xi persuna oħra qabel jeżerċita setgħa jew diskrezzjoni, il-persuna li hekk tagħti l-kunsens tagħha ma għandhiex bis-saħħa ta' dak l-għemil titqies bħala *trustee*.

Delega mit-*trustees.*

25. (1) *Trustee* ma jistgħux jiddelega s-setgħat tiegħu kemm-il darba ma jkunx hekk imħolli jagħmel b'dan l-Att, jew bil-kundizzjonijiet tat-*trust*, jew mill-Qorti.

(2) Ħlief fejn il-kundizzjonijiet tat-*trust* speċifikament jipprovdu għall-kuntrarju, *trustee* —

(a) jista' jiddelega l-maniġġ ta' proprjetà ta' *trust* lil u jimpjega *investment managers* li t-*trustee* raġonevolment jikkunsidra li jkunu kompetenti u kwalifikati biex jimmaniġġaw l-investiment ta' proprjetà ta' *trust*;

(b) jista' jimpjega *accountants*, avukati, prokuraturi, bankiera, sensala, kustodji, konsulenti ta' l-investimenti, *nominees*, aġenti tal-proprjetà, prokuraturi legali u aġenti jew persuni professjonali oħra biex jaġixxu dwar kull ħaġa tat-*trust* jew biex iżommu xi proprjetà tat-*trust*.

(3) *Trustee* li b'*bona fede* u mingħajr negliġenza jagħmel delega jew ħatra skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ma jkunx responsabbli għal xi telf li t-*trust* iġġarrab b'konsegwenza ta' ħekk.

(4) *Trustee* jista' jawtoriżża persuna msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu biex iżżomm xi kummissjoni jew ħlas ieħor li normalment jitħallas f'konnessjoni ma' xi transazzjoni.

Akkumulazzjoni, avvanz jew approprijazzjoni ta' proprjetà ta' *trust*.

26. (1) Meta l-kundizzjonijiet tat-*trust* jippreskrivu jew jawtorizzaw l-akkumulazzjoni għal perijodu ta' l-*income* kollu tat-*trust* jew ta' parti minnu, it-*trustee* għandu jqassam d-dħul tat-*trust* li ma jkunx akkumulat kif meħtieġ jew awtoriżżat mill-kundizzjonijiet tat-*trust*.

(2) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, u bla ħsara għal xi interess jew spejjeż ta' qabel li jolqtu l-proprjetà tat-*trust*, meta benefiċjarju jkun minuri u sew jekk l-interess tiegħu jkun jew ma jkunx interess vestit jew interess li jsir vestit meta jilħaq l-età maġġuri jew età wara jew mal-ġrajja ta' xi avveniment, it-*trustee*, jista' —

(a) jakkumula l-*income* attribwibbli għall-interess ta' dak il-benefiċjarju sa ma tintlaħaq l-età maġġuri jew dik l-età wara jew il-ġrajja ta' dak l-avveniment; jew

(b) japplika dak l-*income* jew parti minnu lil jew għall-manteniment, edukazzjoni jew benefiċċju ieħor ta' dak il-benefiċjarju; jew

(ċ) javvanza jew jipproprija lil jew għall-benefiċċju ta' xi benefiċjarju tali dak l-interess jew parti ta' dak l-interess.

(3) Ir-riċevuta mogħtija minn ġenitur jew it-tutur leġittimu ta' benefiċjarju li jkun minuri għandha tkun irċevuta suffiċjenti lit-*trustee* għall-ħlas magħmul taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, u bla ħsara għal xi interess jew spejjeż ta' qabel li jolqtu l-proprjetà tat-*trust*, it-*trustee* jista' javvanza jew japplika għall-benefiċċju ta' benefiċjarju parti mill-proprjetà tat-*trust* qabel id-data tal-ġrajja ta' l-avviniment li mal-ġrajja tiegħu l-benefiċjarju jsir intitolat assolutament għaliha.

(5) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, *trustee* jista' japproprija proprjetà ta' *trust* fl-interess għall-issodisfar ta' l-interess ta' benefiċjarju b'tali mod u skond dik il-valutazzjoni li t-*trustee* jikkunsidra xierqa.

(6) Kull parti tal-proprjetà tat-*trust* li tiġi avvanzata, applikata jew approprijata kif intqal qabel għandha tittieħed f'konsiderazzjoni meta jkun qed jiġi stabbilit minn żmien għal żmien is-sehem tal-benefiċjarju fil-proprjetà tat-*trust*.

(7) Ebda parti tal-proprjetà tat-*trust* li tiġi avvanzata, applikata jew approprijata kif provdut f'dan l-artikolu ma għandha tkun akbar mis-sehem preżunt, kontinġenti jew vestit tal-benefiċjarju fil-proprjetà tat-*trust*.

Attribuzzjoni jew ċessjoni ta' proprjetà ta' *trust*.

27. Meta l-kundizzjonijiet tat-*trust* jagħtu lit-*trustee* jew lil xi persuna oħra s-setgħa li jattribwixxi jew iċedi l-proprjetà kollha tat-*trust* jew xi parti minnha jew xi interess fil-proprjetà tat-*trust* lil xi persuna, jew lil *trustees* għall-benefiċju ta' xi persuna, dik is-setgħa għandha, bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, jkollha seħħ sew jekk dik il-persuna kienet jew ma kenitx benefiċjarju tat-*trust* minnufih qabel dik l-attribuzjoni jew ċessjoni.

Remunerazzjoni u spejjeż ta' *trustee*.

28. (1) Kemm-il darba ma jkunx awtoriżżat bil-kundizzjonijiet tat-*trust*, jew bil-kunsens bil-miktub tal-benefiċjarji kollha jew b'xi ordni tal-Qorti, *trustee* ma jkunx intitolat għal remunerazzjoni għas-servizz magħmul.

(2) *Trustee* jista' jirrimborsa lilu nnifsu jew iħallas mit-*trust* l-ispejjeż kollha leġittimament magħmula minnu f'konnessjoni mat-*trust*.

Konfidenzjalita' dwar it-*trusts*.

29. (1) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust* u għal xi ordni tal-Qorti, mogħtija għal xi raġunijiet speċjali, *trustee* jew xi persuna oħra, ma jkunx meħtieġ li jiżvela lil xi persuna xi dokument jew informazzjoni li —

(a) tiżvela d-deliberazzjonijiet tat-*trustee* dwar il-mod li bih setgħa jew diskrezzjoni tkun ġiet eżerċitata, jew li bih ikun ġie moqdi dmir mogħti jew impost bil-liġi jew bil-kundizzjonijiet tat-*trust;*

(b) tiżvela r-raġuni għal xi eżerċizzju partikolari ta' dik is-setgħa jew diskrezzjoni jew qadi ta' dmir jew il-materja li fuqha tkun jew setgħet kienet ibbażata dik ir-raġuni;

(ċ) jkollha x'taqsam ma' l-eżerċizzju jew eżerċizzju propost ta' dik is-setgħa jew diskrezzjoni jew il-qadi jew qadi propost ta' dak id-dmir;

(d) jkollha x'taqsam ma' u tifforma parti mill-konteġġi tat-*trust:*

Iżda meta t-talba tkun għall-kxif ta' xi dokument jew informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' jew li tkun tifforma parti mill-konteġġi tat-*trust* u ssir minn benefiċjarju taħt it-*trust* jew, fil-każ ta' karità, b'karità riferita b'isimha fid-dokument tat-*trust* bħala benefiċjarju taħt it-*trust*, it-*trustee* jkun obbligat li jiżvela d-dokument jew informazzjoni oħra mitluba.

(2) Ħlief kif meħtieġ, permess jew xort'oħra provdut b'dan l-Att, jew bil-kundizzjonijiet tat-*trust* jew skond kif ikun meħtieġ għall-għanijiet tat-*trust*, u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra —

(a) kull *trustee* u kull persuna oħra għandhom dejjem iqisu u jitrattaw id-dokumenti u l-informazzjoni kollha dwar *trust* bħala sigrieti u konfidenzjali;

(b) ebda *trustee* jew persuna oħra ma jkunu f'xi żmien meħtieġa li juru lil jew quddiem xi qorti, tribunal, bord, kumitat ta' inkjesta jew xi awtorità oħra jew li jiżvelaw li xi awtorità tali xi materja jew ħaġa li jsiru jafu biha jew li tkun fil-pussess tagħhom għal xi raġuni tkun xi tkun, meta dik il-materja jew ħaġa jkollha x'taqsam ma' *trust*.

(3) Kull *trustee*, jew persuna oħra li, ħlief kif inhu meħtieġ, permess jew xort'oħra provdut b'dan l-Att, jew bil-kundizzjonijiet tat-*trust*, tikkomunika jew tattenta tikkomunika xi materja jew ħaġa dwar *trust* lil xi persuna tkun min tkun —

(a) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux anqas minn, elf u mhux iżjed minn ħamest elef liri, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u

(b) tħallas fit-*trust* piena ta' mhux anqas minn tlett mitt lira u ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira, jew dak l-ammont ogħla jekk id-danni mġarrba jkunu akbar minn dik is-somma, skond kif il-Qorti li tikkundanna dik il-persuna kif imsemmi hawn fuq tista' tiffissa u tordna; liema somma tingħabar bħala dejn ċivili u l-ordni tal-qorti tkun titolu eżekuttiv bis-saħħa ta' dan is-subartikolu għall-finijiet ta' dak il-ġbir.

Responsabbiltà għal ksur ta' *trust*.

30. (1) *Trustee* li jikkommetti jew jieħu sehem fi ksur ta' *trust* ikun, bla ħsara għal xi responsabbiltà oħra, responsabbli —

(a) għat-telf jew deprezzament fil-valur tal-proprjetà tat-*trust* bħala riżultat tal-ksur;

(b) għall-profitt, jekk kien ikun hemm, li t-*trust* kienet tagħmel kieku ma kienx hemm dak il-ksur;

(2) *Trustee* ma jistax ipatti bi qliegħ minn ksur ta' *trust* għal telf mill-istess jew ksur ieħor ta' *trust*.

(3) *Trustee* ma jkunx responsabbli għal ksur ta' *trust* li jkun sar qabel il-ħatra tiegħu jew dak il-ksur ta' *trust* ikun sar minn xi persuna oħra. Ikun madankollu d-dmir tat-*trustee*, malli jsir jaf bih, li jieħu l-passi raġonevoli kollha biex dak il-ksur jiġi rmedjat.

(4) *Trustee* ma jkunx responsabbli għal ksur ta' *trust* magħmul minn *co-trustee* għajr jekk huwa —

(a) isir jaf jew kien ikun imissu jsir jaf bl-għemil ta' dak il-ksur jew bil-ħsieb tal-*co-trustee* li jikkommetti ksur ta' *trust;* u

(b) jaħbi attivament dak il-ksur jew dak il-ħsieb jew jonqos fi żmien raġonevoli li jieħu l-passi xierqa biex jipproteġi jew iqiegħed lura f'postha l-proprjetà tat-*trust* jew biex ma jitħalliex isir dak il-ksur.

(5) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, *trustee* ma jkunx responsabbli —

(a) għan-nuqqas ta' *co-trustee* ħlief jekk huwa —

(i) jieħu sehem fin-nuqqas ta' dak it-*trustee;* jew

(ii) jonqos li jieħu l-prekawzjoni xierqa biex ma jħallix dak in-nuqqas isir;

(b) għal xi telf tal-proprjetà tat-*trust*, ħlief jekk dak it-telf ikun dovut għal —

(i) nuqqas, att jew sehem volontarju tiegħu; jew

(ii) traskuraġni jew nuqqas tiegħu li jieħu l-prekawzjoni xierqa biex dak it-telf ma jsirx.

(6) Meta żewġ *trustees* jew aktar ikunu responsabbli dwar ksur ta' *trust*, ir-responsabbiltà tagħhom tkun *in solidum*.

(7) Benefiċjarju jista', dwar responsabbiltà lilu għal ksur ta' *trust* li jkun diġà sar, jeħles *trustee* minn, jew jindennizzah kontra, dik ir-responsabbiltà, iżda biss jekk il-benefiċjarju —

(a) ikollu l-kapaċità legali; u

(b) għandu t-tagħrif kollu tal-fatti materjali kollha; u

(ċ) ma jkunx ġie mġiegħel b'mod skorret mit-*trustee* biex jagħti dak il-ħelsien jew indennizz.

(8) Il-Qorti tista' teħles lit-*trustee* jew għal kollox jew f'parti mir-responsabbiltà għal ksur ta' *trust* meta hija tkun sodisfatta li t-*trustee* jkun aġixxa onestament u raġonevolment u jkun jistħoqqlu fis-sewwa kollu li jiġi skużat fiċ-ċirkostanzi.

Trustees li jaġixxu dwar aktar minn *trust* waħda.

31. (1) *Trustee* li jaġixxi għall-għanijiet ta' aktar minn *trust* waħda ma għandux, jekk m'hemmx frodi, jintlaqat b'avviż ta' xi dokument, suġġett, fatt jew ħaġa dwar xi *trust* partikolari jekk it-*trustee* jkun kiseb avviż dwarha għax ikun qed jaġixxi jew ikun aġixxa għall-għanijiet ta' *trust* oħra.

(2) *Trustee* ta' *trust* għandu jiżvela lil xi *co-trustee* kull interess li huwa jkollu bħala *trustee* ta' *trust* oħra jekk xi transazzjoni li għandha x'taqsam magħha l-ewwel *trust* fuq imsemmija se ssir mit-*trustee* tat-*trust* l-oħra.

Trattament ma' terzi.

32. (1) Meta f'xi transazzjoni jew materja li tolqot *trust*, *trustee* jgħarraf lil terza persuna li huwa jkun qed jaġixxi bħala *trustee*, talba minn dik it-terza persuna dwarha għandha testendi biss għall-proprjetà tat-*trust*.

(2) Meta f'xi transazzjoni jew materja bħal dik *trustee* jonqos li jgħarraf lil terza persuna li huwa jkun qed jaġixxi bħala *trustee,* it-*trustee* —

(a) ikun personalment responsabbli lejn dik it-terza persuna għall-aġir tiegħu; u

(b) ikollu dritt li jirrikorri għall-proprjetà tat-*trust* permezz ta' indennizz kontra dik ir-responsabbiltà, kemm-il darba t-*trustee* ma jkunx aġixxa bi ksur ta' *trust.*

(3) F'dan l-artikolu "terza persuna" tfisser xi persuna li ma tkunx *settlor, trustee* jew benefiċjarju tat-*trust.*

Trustees kostruttivi.

33. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, meta persuna (f'dan l-artikolu msejħa *"trustee* kostruttiv") tagħmel jew tirċievi xi profitt, qliegħ jew vantaġġ minn ksur ta' *trust* hija titqies li tkun *trustee* ta' dak il-profitt, qliegħ jew vantaġġ; u l-benefiċjarju ta' dik it-*trust* jitqies li jkun it-*trust,* jew il-benefiċjarju, jew persuna oħra, għad-detriment ta' min jew a spejjeż ta' min ikun sar il-profitt, il-qliegħ jew vantaġġ.

(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux japplika għal persuna li takkwista proprjetà taħt titolu oneruż f'*bona fede.*

(3) Persuna li tkun jew issir *trustee* kostruttiv għandha tgħaddi l-proprjetà lil jew a favur il-benefiċjarji tagħha.

Indennizz ta' *trustees* li jirtiraw.

34. (1) *Trustee* li jirriżenja jew li jitneħħa mill-kariga jew xort'oħra jieqaf milli jkun *trustee* għandu kif imiss iċedi l-proprjetà tat-*trust* li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu.

(2) *Trustee* li jirriżenja jew li jitneħħa mill-kariga jew xort'oħra jieqaf milli jkun *trustee* u jkun ħares il-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jinħeles mir-responsabbiltà lejn xi benefiċċju, *trustee* jew persuna interessata taħt it-*trust* għal xi att jew omissjoni dwar il-proprjetà tat-*trust* jew id-dmir tiegħu bħala *trustee,* ħlief għar-rigward ta' azzjonijiet li jirriżultaw minn ksur ta' *trust* li fih dak it-*trustee* kien kompliċi jew li kien jaf bih u ħeba.

(3) *Trustee* li jirriżenja jew li jitneħħa mill-kariga jew xort'oħra jieqaf milli jkun *trustee* jkompli jkun responsabbli lejn xi benefiċjarju, *trustee* jew persuna interessata taħt it-*trust* għall-ġbir lura tal-proprjetà tat-*trust* jew id-dħul mill-proprjetà tat-*trust* li jkun fil-pussess tat-*trustee* jew li jkun ġie konvertit għall-użu tat-*trustee* nnifsu jew li ma jkunx ġie ċedut kif meħtieġ bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Kull dispożizzjoni fil-kundizzjonijiet tat-*trust* li tissinifika li tindennizza t-*trustee* aktar milli hawn provdut f'dan l-artikolu għandha tkun invalida.

Interess ta' klassi.

35. (1) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tat-*trust*, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw meta *trust*, jew interess taħt *trust*, tkun a favur ta' klassi ta' persuni —

(a) klassi tagħlaq meta ma jkunx aktar possibbli għal xi persuna oħra li ssir membru ta' klassi;

(b) mara ta' età 'l fuq minn ħamsa u ħamsin sena titqies li ma tkunx aktar kapaċi tnissel ulied;

(ċ) meta xi interess ta' klassi jkun dwar *income* u għal xi perijodu ma jkun jeżisti ebda membru tal-klassi, l-*income* għandu jiġi akkumulat u, bla ħsara għall-artikolu 12 ta' dan l-Att, għandu jinżamm sakemm ikun jeżisti membru tal-klassi jew il-klassi tagħlaq.

(2) F'dan l-artikolu "interess ta' klassi" tfisser *trust* jew interess taħt *trust* li tkun jew ikun a favur ta' klassi ta' persuni.

Varjazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' *trust* mill-Qorti u approvazzjoni ta' transazzjonijiet partikolari.

36. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tista', jekk ikun jidhrilha xieraq, b'ordni tapprova f'isem —

(a) xi persuna inabilitata bil-liġi li jkollha direttament jew indirettament, interess, sew vestit jew kontinġenti, taħt *trust*; jew

(b) xi persuna, sew aċċertata sew jekk le, li tista' ssir intitolata, direttament jew indirettament, għal interess taħt it-*trust* bħala li tkun f'data futura jew mal-ġrajja ta' avveniment futur persuna ta' xi deskrizzjoni speċifikata jew membru ta' xi klassi speċifikata ta' persuni; jew

(ċ) xi persuna mhix imwielda; jew

(d) xi persuna għar-rigward ta' xi interess tagħha li jista' jirriżultalha minħabba f'xi setgħa diskrezzjonarja mogħtija lil xi ħadd man-nuqqas jew tmiem ta' xi interess eżistenti li ma jkunx naqas jew intemm,

kull arranġament, propost minn min ikun u kemm jekk ikun hemm jew ma jkunx hemm xi persuna oħra interessata bħala benefiċjarja li tkun kompetenti li tapprova, li tvarja jew jirrevoka l-kundizzjonijiet kollha jew xi kundizzjonijiet tat-*trust* jew li jkabbar is-setgħat tat-*trustees* biex jimmaniġġaw u jamministraw xi proprjetà tat-*trust*.

(2) Il-Qorti ma għandhiex tapprova arranġament f'isem xi persuna li taqa' taħt il-paragrafi (a), (b) jew (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ħlief jekk tkun sodisfatta li t-twettieq ta' dak l-arranġament ikun jidher li jkun għall-benefiċċju ta' dik il-persuna.

(3) Meta fil-maniġġ jew amministrazzjoni ta' *trust*, xi bejgħ, kiri, pleġġ, ipoteka, ċessjoni, riħi jew disponiment oħra, jew xi xiri, investiment, akkwist, infieq jew transazzjoni oħra tkun, fil-fehma tal-

Qorti, spedjenti iżda l-istess transazzjoni ma tkunx tista' titqiegħed fis-seħħ minħabba l-mankanza ta' xi setgħa għal dak l-għan vestita fit-*trustee* bil-kundizzjonijiet tat-*trust* bil-liġi, il-Qorti tista' tagħti lit-*trustee,* jew b'mod ġenerali jew f'xi ċirkostanza partikolari, setgħa għal dak il-għan b'dawk il-patti u bla ħsara għal dawk id-dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet, jekk ikun hemm, li tqis xierqa, u tista' tordna b'liema mod u mill-liema proprjetà xi flus awtorizzati għall-infieq u l-ispejjeż ta' xi transazzjoni għandhom jitħallsu.

(4) Rikors lill-Qorti taħt dan l-artikolu jista' jsir mit-*trustee* jew minn xi benefiċjarju.

Setgħat ohra tal-Qorti.

37. (1) *Trustee* jista' jitlob lill-Qorti direttivi dwar il-mod li huwa jista' jew għandu jaġixxi f'konnessjoni ma' xi materja li jkollha x'taqsam mat-*trust;* u l-Qorti tista' tagħmel dak l-ordni, jekk ikun hemm, skond kif ikun jidhrilha xieraq.

(2) Il-Qorti tista' wkoll, jekk ikun jidhrilha xieraq —

(a) tagħmel ordni dwar —

(i) l-eżekuzzjoni jew l-amministrazzjoni ta' xi *trust*; jew

(ii) it-*trustee* ta' xi *trust,* inkluż ordni dwar l-eżerċizzju ta' xi setgħa, diskrezzjoni jew dmir tat-*trustee,* il-ħatra jew tneħħija mill-kariga ta' *trustee,* ir-rimunerazzjoni ta' *trustee,* rendikonti, l-imġieba tat-*trustee* u kull ħlas fil-qorti; jew

(iii) xi benefiċjarju ta' xi persuna li jkollha xi konnessjoni mat-*trust*;

(b) tagħmel dikjarazzjoni dwar il-validità jew eżekuttibbiltà ta' *trust*;

(ċ) tħassar jew tvarja xi ordni jew dikjarazzjoni magħmula taħt dan l-Att, jew tagħmel xi ordni jew dikjarazzjoni ġdida jew oħra.

(3) Rikors lill-Qorti għal ordni jew dikjarazzjoni taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jista' jsir mit-*trustee* jew minn xi benefiċjarju jew mill-Avukat Ġenerali.

(4) Meta l-Qorti tagħmel ordni għall-ħatra ta' *trustee* tista' timponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha li jkunu xierqa, magħduda kundizzjonijiet dwar il-konferiment ta' proprjetà ta' *trust.*

(5) Bla ħsara għal xi ordni tal-Qorti, *trustee* maħtur mill-Qorti taħt dan l-artikolu jkollu l-istess setgħat, diskrezzjonijiet u dmirijiet daqslikieku kien ġie oriġinarjament maħtur *trustee.*

Setgħat tal-Qorti għall-eżekuzzjoni ta' l-ordnijiet tagħha u tad-dokumenti ordnati minnha.

38. (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att il-Qorti jkollha s-setgħat kollha tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, kull ordni jew direttiva tal-Qorti tista' tiġi eżegwita bħallikieku kienet deċiżjoni ta' l-imsemmija Prim'Awla u ma tkunx tista' tiġi mwarrba mill-imsemmija Prim'Awla

iżda jkun jista' jsir appell minnha bħallikieku kienet deċiżjoni ta' dik l-Awla.

(2) Bla ħsara għal xi setgħa oħra lill-Qorti bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' xi liġi oħra, meta *trustee* jitraskura jew jirrifjuta li jaqdi xi dmir jew li jħares xi ordni tal-Qorti, il-Qorti tista', b'dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li tista' tqis xierqa, tordna li l-passi meħtieġa jittieħdu u jsiru minn dik il-persuna li l-Qorti tista' taħtar għal dak il-għan, a spejjeż tat-*trustee* li jkun naqas, jew xort'oħra skond kif il-Qorti tista' tordna; u kull ħaġa hekk eżegwita jew magħmula għandha topera u jkollha seħħ għall-finijiet kollha daqslikieku kienet ġiet eżegwita jew magħmula mit-*trustee*.

Ħlas ta' l-ispejjeż.

39. L-ispejjeż ta' u li jkollhom x'jaqsmu ma' rikors lill-Qorti taħt dan l-Att għandhom jitħallsu mill-proprjetà tat-*trust* jew jiġġarrbu u jitħallsu b'dak il-mod jew minn dik il-persuna oħra skond kif il-Qorti tista' tordna.

Protezzjoni ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu mat-*trustees*.

40. (1) Persuna li takkwista proprjetà ta' *trust* mingħand *trustee* f'*bona fede* u taħt titolu oneruż takkwista titolu tajjeb għaliha daqslikieku kienet akkwistatha mingħand il-persuna li jkollha t-titolu assolut għaliha u ma tintlaqatx mit-*trusts* li minnhom tinżamm l-imsemmija proprjetà.

(2) Ebda persuna li tħallas jew tavvanza flus lil *trustee* ma għandha tkun konċernata li tara li dawk il-flus ikunu meħtieġa għall-għanijiet tat-*trust*, jew li ma jingħabarx aktar milli jkun meħtieġ, jew inkella dwar il-korrettezza tat-transazzjoni jew l-applikazzjoni tal-flus.

Limitazzjoni ta' azzjoni.

41. (1) Azzjoni li tittieħed kontra *trustee* —

(a) għar-rigward ta' xi frodi li fiha kien kompliċi jew li kien jaf bih u żamm sigriet; jew

(b) għall-ġbir lura mingħand it-*trustee* tal-proprjetà tat-*trust* fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu jew li t-*trustee* ikun irċieva qabel u jkun ikkonverta għall-użu tiegħu,

ma għandhiex taqa' bi preskrizzjoni ħlief bl-għeluq ta' tletin sena.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ebda azzjoni ma tista' tittieħed kontra *trustee* minn benefiċjarju għal ksur ta' *trust* wara l-għeluq ta' tliet snin —

(a) li jibdew mid-data tal-konsenja tal-konteġġi finali tat-*trust* lill-benefiċjarju; jew

(b) li jibdew mid-data li fiha l-benefiċjarju jkun għall-ewwel sar jaf bil-ksur tat-*trust*,

skond liema data tiġi l-ewwel.

(3) Meta l-benefiċjarju jkun minuri l-perijodi msemmijin f'dan l-artikolu ma jibdewx għaddejjin qabel il-ġurnata li fiha l-benefiċjarju ma jibqax minuri.

(4) Il-perijodi msemmijin f'dan l-artikolu jiġu interrotti jekk att jew talba ġudizzjarja jiġu preżentati fil-qorti kompetenti u notifikati lit-*trustee* qabel għeluq l-imsemmi perijodu.

Dmirijiet dwar ċerti attivitajiet illegali.

42. (1) Meta xi persuna, li tkun direttur, uffiċjal jew membru ta' kumpannija *nominee,* li tkun qiegħda dak iż-żmien taġixxi bħala *trustee* ta' *trust,* ikollha raġuni taħseb li l-imsemmija *trust* ikollha proprjetà jew ikollha *income* li jakkumula lilha jew miksub minnha li joriġinaw minn transazzjoni, operazzjoni jew attività oħra li tkun reat kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew li, kieku tkun saret f'Malta, kienet tkun reat tali, jew tkun irċeviet jew tkun tinkludi jew ikollha fil-pussess jew kontroll tagħha flus jew proprjetà oħra li r-riċeviment, pussess jew kontroll tagħha jkunu jew kienu reat tali kif imsemmi hawn fuq, għandu jkun id-dmir ta' dik il-persuna li tgħarraf lill-Awtorità b'dik il-materja.

(2) Kull persuna li mingħajr raġuni xierqa tonqos li tħares il-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn elfejn u mhux iżjed minn għaxart elef lira jew perijodu ta' priġunerija ta' mhux aktar minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tiġi skwalifikata permanentement milli tkun uffiċjal jew membru ta' kumpannija *nominee.*

(4) Il-flejjes jew proprjetà kollha mfissra fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jiġu konfiskati a favur tal-Gvern u jsiru l-proprjetà assoluta tiegħu.

Reġistrazzjoni ta' Trusts

Reġistrazzjoni ta' *trusts* u attestazzjoni ta' *trustees.*

43. (1) Kull *offshore trust* għandha tkun reġistrata ma' l-Awtorità u ma jkollhiex effett f'Malta kemm-il darba u sakemm ma tkunx hekk reġistrata.

(2) Tkun ir-responsabbiltà tat-*trustee* li jaċċerta li *trust* tkun reġistrata taħt dan l-Att; u t-*trustee* għandu, barra minn hekk, mhux aktar tard minn xahar wara kull anniversarju tar-reġistrazzjoni tat-*trust,* javża lill-Awtorità dwar jekk it-*trust* tkunx għadha teżisti u dwar jekk huwa jkun jew ma jkunx it-*trustee* tagħha.

(3) Ir-reġistrazzjoni ssir billi tiġi preżentata lill-Awtorità:

(a) kopja ċertifikata tad-dokument tat-*trust;*

(b) dikjarazzjoni mill-kumpannija *nominee* u taġixxi bħala *trustee* tat-*trust* li tgħid li t-*trust* tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan l-Att sabiex tista' tkun *offshore trust.*

(4) Wara li tkun sodisfatta illi l-ħtiġiet kollha preskritti b'dan l-Att għall-eżistenza ta' *offshore trust* ikunu ġew milqugħa u li jkun tħallas id-dritt xieraq, l-Awtorità għandha tirreġistra t-*trust* u toħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'dak is-sens.

(5) Kull bidla sussegwenti fid-dokument tat-*trust* għandha xorta waħda tiġi reġistrata ma' l-Awtorità u ma jkollhiex effett f'Malta sakemm tiġi ħekk reġistrata. Kull bidla tali għandha tiġi reġistrata mit-*trustee*, irrispettivament mill-oriġini ta' jew il-persuna li tagħmel il-bidla.

(6) *Trustee* għandu xorta waħda jinnotifika lill-Awtorità dwar it-terminazzjoni tat-*trust*, irrispettivament mill-kawża jew raġuni ta' dik it-terminazzjoni.

(7) Fuq it-talba tat-*trustee* ta' *trust*, u fuq prova biżżejjed li tingħata għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità, l-Awtorità tista' toħroġ ċertifikat fejn tgħid li, mill-aħjar tagħrif li għandha, fid-data taċ-ċertifikat, l-applikant kien it-*trustee* tat-*trust*. Ċertifikat taħt dan is-subartikolu jinħareġ mall-ħlas ta' dritt ta' Lm15 jew dak l-ammont ogħla skond kif l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi.

(8) L-Awtorità għandha żżomm reġistru tat-*trusts* kollha reġistrati magħha taħt dan l-artikolu u għandha ddaħħal fih kull bidla dwarhom li tiġi notifikata lilha u dawk il-materji l-oħra li jkun jidhrilha xieraq li tirreġistra.

(9) Id-dritt li jitħallas għar-reġistrazzjoni ta' *trust* jkun ta' mitejn lira.

(10) *Trust* ma tibqax intitolata għall-eżenzjonijiet, benefiċċji u privileġġi oħra ta' *offshore trust* jekk it-taxxa dovuta kull sena taħt l-artikolu 44 ta' dan l-Att ma titħallasx fi żmien tliet xhur mid-data li fiha jkun dovut.

Eżenzjonijiet Fiskali u Oħrajn

Eżenzjoni mit-tassazzjoni. Att L IV ta' l-1948.

44. (1) It-Taxxa li titħallas taħt l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew taħt xi liġi oħra li tissostitwixxi dik il-liġi fuq —

(a) l-*income* ta' xi *offshore trust;*

(b) xi *income* ta' benefiċjarju li jirriżulta minn xi *offshore trust*, għandha tkun ta' mitejn lira għal kull sena ta' stima, u għandha titħallas mit-*trust* lill-Awtorità għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux iżjed tard mill-aħħar ta' Jannar ta' kull sena li tiġi wara dik tar-reġistrazzjoni tat-*trust*.

Att XL VII ta' l-1973.

(2) Ma jitħallas ebda dritt taħt l-Att ta' l-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-donazzjoni, jew taħt xi liġi li tissostitwixxi dik il-liġi —

(a) dwar xi attiv miżmum taħt *offshore trust;*

(b) minn xi persuna dwar l-interess tagħha bħala benefiċjarju taħt *offshore trust.*

Att XXXI ta' l-1981.

(3) Ebda dritt ma jitħallas taħt l-Att ta' l-1981 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, jew taħt xi liġi li tissostitwixxi dik il-liġi, rigward xi dokument dwar *offshore trust.*

(5) Kull bidla sussegwenti fid-dokument tat-*trust* għandha xorta waħda tiġi reġistrata ma' l-Awtorità u ma jkollhiex effett f'Malta sakemm tiġi ħekk reġistrata. Kull bidla tali għandha tiġi reġistrata mit-*trustee*, irrispettivament mill-oriġini ta' jew il-persuna li tagħmel il-bidla.

(6) *Trustee* għandu xorta waħda jinnotifika lill-Awtorità dwar it-terminazzjoni tat-*trust*, irrispettivament mill-kawża jew raġuni ta' dik it-terminazzjoni.

(7) Fuq it-talba tat-*trustee* ta' *trust*, u fuq prova biżżejjed li tingħata għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità, l-Awtorità tista' toħroġ ċertifikat fejn tgħid li, mill-aħjar tagħrif li għandha, fid-data taċ-ċertifikat, l-applikant kien it-*trustee* tat-*trust*. Ċertifikat taħt dan is-subartikolu jinħareġ mall-ħlas ta' dritt ta' Lm15 jew dak l-ammont ogħla skond kif l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi.

(8) L-Awtorità għandha żżomm reġistru tat-*trusts* kollha reġistrati magħha taħt dan l-artikolu u għandha ddaħħal fih kull bidla dwarhom li tiġi notifikata lilha u dawk il-materji l-oħra li jkun jidhrilha xieraq li tirreġistra.

(9) Id-dritt li jitħallas għar-reġistrazzjoni ta' *trust* jkun ta' mitejn lira.

(10) *Trust* ma tibqax intitolata għall-eżenzjonijiet, benefiċċji u privileġġi oħra ta' *offshore trust* jekk it-taxxa dovuta kull sena taħt l-artikolu 44 ta' dan l-Att ma titħallasx fi żmien tliet xhur mid-data li fiha jkun dovut.

Eżenzjonijiet Fiskali u Oħrajn

Eżenzjoni mit-tassazzjoni. Att L IV ta' l-1948.

44. (1) It-Taxxa li titħallas taħt l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew taħt xi liġi oħra li tissostitwixxi dik il-liġi fuq —

(a) l-*income* ta' xi *offshore trust;*

(b) xi *income* ta' benefiċjarju li jirriżulta minn xi *offshore trust*, għandha tkun ta' mitejn lira għal kull sena ta' stima, u għandha titħallas mit-*trust* lill-Awtorità għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux iżjed tard mill-aħħar ta' Jannar ta' kull sena li tiġi wara dik tar-reġistrazzjoni tat-*trust*.

Att XL VII ta' l-1973.

(2) Ma jitħallas ebda dritt taħt l-Att ta' l-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-donazzjoni, jew taħt xi liġi li tissostitwixxi dik il-liġi —

(a) dwar xi attiv miżmum taħt *offshore trust;*

(b) minn xi persuna dwar l-interess tagħha bħala benefiċjarju taħt *offshore trust*.

Att XXXI ta' l-1981.

(3) Ebda dritt ma jitħallas taħt l-Att ta' l-1981 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, jew taħt xi liġi li tissostitwixxi dik il-liġi, rigward xi dokument dwar *offshore trust*.

(4) Kull proprjetà miżmuma taħt *offshore trust* tkun eżentata mid-dazju tad-dwana meta tiġi mportata f'Malta:

Iżda dak id-dazju għandu jitħallas fuq kull proprjetà importata bla ħlas ta' dazju taħt dan is-subartikolu jekk u meta dik il-proprjetà tinbiegħ, tiġi assenjata jew mod ieħor trasferita lil xi persuna residenti f'Malta.

Eżenzjoni mill-kontroll fuq il-kambju.

45. L-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, u kull liġi oħra li tissostitwixxi dik il-liġi, ma għandux japplika għal xi transazzjoni jew operazzjoni dwar li jkollha x'taqsam ma xi *offshore trusts* jew għal xi proprjetà miżmuma taħthom:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal transazzjonijiet jew operazzjonijiet magħmula minn persuni residenti f'Malta.

Dikjarazzjoni minflok prospett ta' taxxa.

46. (1) Meta dikjarazzjoni fuq il-formola murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att tkun ġiet sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minn kumpannija *nominee* dwar it-*trust* li tagħha tkun *trustee*, la t-*trust* u lanqas *trustee* u lanqas xi persuna oħra li jkollha interess fit-*trust* ma jkunu meħtieġa jagħmlu jew jissottomettu xi prospett, informazzjoni jew dettalji oħra li setgħu ikunu dovuti jew xort'oħra meħtieġa li jsiru jew sottomessi għal xi fini ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, dwar dik it-*trust*.

(2) Meta proprjetà tkun b'dan l-Att eżentata mit-taxxa li titħallas taħt l-Att ta' l-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, ebda prospett ta' l-imsemmija proprjetà ma jkun meħtieġ li jsir taħt l-imsemmi Att u lanqas tat-trasferiment taxxabbli relattiv, jekk it-trasferiment ma jinkludi ebda proprjetà oħra; u meta t-trasferiment ikun jinkludi proprjetà oħra l-prospett jista' jkun limitat għall-proprjetà suġġetta għat-taxxa.

Kumpanniji Nominee

Kumpanniji *nominee* u kundizzjonijiet għall-formazzjoni tagħhom.

47. (1) Kumpannija ffurmata għall-għan li taġixxi bħala *trustee* ta' *offshore trusts* jew għal dak il-għan u għall-għan li taqdi l-funzjonijiet ta' kumpannija *nominee* għar-rigward ta' kumpanniji *offshore* kif provdut fl-Att, u li tissodisfa, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-kundizzjonijiet kollha mniżżlin fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att u altrimenti kwalifikata biex tingħata *warrant* biex tiffunzjona bħala kumpannija *nominee* taħt l-artikolu 43 ta' l-Att, tikkwalifika wkoll biex tkun kumpannija *nominee* għall-finijiet ta' dan l-Att u d-dispożizzjonijiet ta' l-att għall-għoti ta' *warrant* lil kumpannija *nominee* għandhom japplikaw għal dik il-kumpannija bħalma huma japplikaw għal kumpannija *nominee* taħt l-Att.

(2) Kumpannija *nominee* ma tistax tiffunzjona bħala *trustee*, u ma għandhiex tiġi trattata bħala tali għall-finijiet ta' dan l-Att, kemm-il darba ma tkunx tippossjedi *warrant* maħruġ mill-Awtorità, u fis-seħħ dak iż-żmien, li jawtorizzaha biex tiffunzjona bħala tali għall-finijiet ta' dan l-Att.

(3) Id-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Att li għandhom x'jaqsmu ma' kumpanniji *nominee* għandhom japplikaw għal kumpannija li tingħata *warrant* biex tiffunzjona bħala kumpannija *nominee* għall-finijiet ta' dan l-Att, jew għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' l-Att, skond il-każ, bla ħsara għal dawk il-modifikazzjonijiet u adattamenti skond kif ikun meħtieġ biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija ta' l-Att għal kumpanniji *nominee* li jaġixxu bħala *trustees* ta' *offshore trusts;* u partikolarment, iżda bla ħsara għall-ġeneralità għal dak li ntqal qabel, riferenzi fl-Att għall-Att innifsu għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal dan l-Att, riferenzi għal kumpanniji *offshore* għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal *trust* u riferenzi għal dmirijiet bħala diretturi jew segretarji ta' kumpanniji *offshore* għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għad-dmirijiet ta' *trustees.*

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huma —

(a) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att għandu jiftiehem bħala li jirrikjedi li l-għanijiet tal-kumpannija jkunu limitati espressament għall-qadi tal-funzjonijiet ta' *trustee* ta' *offshore trusts,* u għal materji anċillari jew inċidentali għalihom, jew għal dawk il-funzjonijiet u l-funzjonijiet ta' kumpannija *nominee* għar-rigward ta' kumpanniji *offshore;*

(b) fil-każ ta' kumpannija iffurmata esklussivament biex taġixxi bħala *trustee* ta' *offshore trusts* —

(i) il-persentaġġ imsemmi fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att għandu jkun sittin; u

(ii) l-Awtorità tista', f'każijiet eċċezzjonali u għal raġunijiet speċjali, tippermetti persuna mhux residenti f'Malta li tippossjedi jew iżżomm l-azzjonijiet kollha fil-kumpannija.

Trusts jiġu reġistrati permezz tal-kumpannija *nominee.*

48. Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 47 ta' dan l-Att, ebda *trust* ma għandha tiġi reġistrata mill-Awtorità ħlief permezz ta' l-aġenzija ta' kumpannija *nominee* awtorizzata li taġixxi bħala t-*trustee* ta' *offshore trusts* u ebda persuna ħlief kumpannija *nominee* awtorizzata kif imsemmi hawn fuq ma tista' tiġi maħtura *trustee* ta' *offshore trust.*

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Setgħa biex isiru regolamenti jew regoli.

49. (1) Il-Ministru jista', fuq parir ta' l-Awtorità, jagħmel regolamenti jew regoli għall-eżekuzzjoni aħjar ta' xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u jista' partikolarment, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, b'xi regolamenti jew regoli bħal dawk:

(a) jipprovdi biex il-prospetti, dikjarazzjonijiet, u avviżi jsiru jew iingħataw għal xi fini ta' dan l-Att, u l-forma u l-kontenut tagħhom;

(b) jirregola d-direzzjoni, dmirijiet u obbligi oħra ta' kumpanniji nominatorji, inklużi l-prospetti, dikjarazzjonijiet u informazzjoni oħra li huma għandhom jissottomettu lill-Awtorità, u jistabbilixxi l-ammont massimu li, minkejja xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, jista' jintalab bħala drittijiet minn dawk il-kumpanniji;

(ċ) ibiddel xi drittijiet stabbiliti b'xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, u jemenda xi dispożizzjoni tali f'dak is-sens biex jiġi rifless tibdil fl-għoli tal-ħajja jew fil-valur ta' flus, u jistabbilixxi dawk id-drittijiet oħra skond kif jitqies xieraq dwar kull materja li għaliha ma hemmx provdut dritt b'dan l-Att:

Iżda ebda bidla ta' xi drittijiet ma għandha jkollha seħħ qabel ma tkun għaddiet sena mill-pubblikazzjoni ta' dik il-bidla fil-Gazzetta;

(d) jagħmel regoli tal-qrati għal xi fini ta' dan l-Att u tal-proċeduri taħtu, biex b'dawk ir-regoli jipprovdi għal xi materja msemmija fl-artiklu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(e) jippreskrivi xi materja li tista' jew tkun trid tiġi preskritta.

(2) Regolamenti u regoli magħmula taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, jistgħu isiru bl-ilsien Ingliż biss.

Garanzija ta' eżenzjonijiet.

50. (1) Ir-reġistrazzjoni ta' *offshore trust* taħt dan l-Att għandha tikkostitwixxi kuntratt bejn il-Gvern u t-*trust* li jiggarantixxi il-jeddijiet u eżenzjonijiet u privileġġi oħra dovuti kif provdut b'dan l-Att, suġġett biss għall-osservanza li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet kollha ta' dan l-Att.

(2) Il-garanzija mogħtija bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tapplika wkoll kontra azzjoni retrospettiva, sew jekk b'leġislazzjoni jew xort'oħra, li tista' tannulla xi jeddijiet, eżenzjonijiet jew privileġġi hekk garantiti.

(3) Il-garanzija mogħtija bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha sseħħ għal perjodu ta' għaxar snin mir-reġistrazzjoni tal-*offshore trust*.

Proċedimenti kriminali.

51. (1) Ebda proċedmenti għal reat taħt dan l-Att ma għandhom jinbdew mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-Avukat Ġenerali.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhomx jolqtu xi proċedimenti kriminali li jistgħu jkunu kompetenti taħt xi liġi oħra.

(3) Meta dwar xi reat kontra xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, l-att jew nuqqas li jikkostitwixxi r-reat ikun jista' jiġi attribwit direttament lil persuna jew persuni li jkunu identifikabbli biċ-ċar, u dik il-persuna, jew dawk il-persuni jinsabu ħatja ta' dak ir-reat, il-qorti ma tkunx meħtieġa tikkundanna wkoll xi persuna oħra jekk tkun sodisfatta illi dik il-persuna ma kellha ebda sehem fir-reat u li minħabba fl-imġieba tagħha jew ċirkostanzi oħra ma jkunx jistħoqqilha li tiġi kkundannata.

52. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att li għandhom x'jaqsmu ma' l-Awtorità u partikolarment, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 4, 5, 10, 11 u 12 ta' l-Att, għandhom japplikaw għal u dwar *offshore trusts*, u xort'oħra għall-finijiet ta' dan l-Att, bħalma japplikaw għal u dwar kumpanniji *offshore* u xort'oħra għall-finijiet ta' l-Att, u għandhom hekk japplikaw suġġett għal dawk il-modifikazzjonijiet u adattamenti li jistgħu jkunu meħtieġa għall-finijiet imsemmija qabel.

SKEDA

Artikolu 46

DIKJARAZZJONI MINFLOK PROSPETT TA' TAXXA DWAR *OFFSHORE TRUST*

Dikjarazzjoni mit-*Trustee* ta' *Offshore Trust* minflok Prospett ta' Taxxa u Attiv Kapitali taħt l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Sena ta' Stima .....

Aħna ..... u .....
tnejn mid-diretturi ta' .....
il-kumpannija *nominee* li qiegħda taġixxi bħala t-*trustee* ta' .....
.....
ta' *offshore trust* reġistrata taħt l-Att ta' l-1988 dwar l-*Offshore Trusts* (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att") solennement u sinċerament niddikjaraw li aħna assigurajna mill-aħjar li stajna li l-imsemmija *offshore trust* tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa bl-Att sabiex tkun tista' tibqa' *offshore trust* u jkollha l-*income* imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 44 ta' l-Att taxxabbli kif hemm provdut f'dak l-artikolu u li konsegwentement:

(a) l-*income* ta' l-imsemmija *trust* u dak tal-benefiċjarji tagħha li jirriżulta mill-imsemmija *trust*, huma soġġetti għat-taxxa fuq l-*income* għas-sena ta' stima ..... kif provdut fl-artikolu msemmi qabel;

(b) is-*settlor* u l-benefiċjarji tat-*trust* huma kwalifikati biex ikunu s-*settlor* u benefiċjarji, rispettivament, skond l-Att u l-proprjetà tat-*trust* ma tinkludi ebda proprjetà immobbli sitwata f'Malta;

(ċ) it-*trust* li tagħha l-imsemmija kumpannija *nominee* hija t-*trustee* mhix f'qagħda li titlef xi dritt, eżenzjoni jew privileġġ ieħor mogħti bl-Att għal xi raġuni tkun xi tkun.

Aħna qegħdin nagħmlu din id-dikjarazzjoni b'konoxxenza sħiħa tal-pieni stabbiliti bl-Att għal dikjarazzjonijiet foloz jew inkorretti.

Firma .....

Isem sħiħ .....

Nru. tal-Karta ta' Identità .....

Professjoni .....

Indirizz .....

Datat .....

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 161 tas-7 ta' Novembru, 1988.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati